

31999R0423

L 52/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.2.1999

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 423/1999****tat-22 Frar 1999****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 105a(2) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Filwaqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189c tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 975/98 <sup>(4)</sup> jippreskrivi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tmien denominazzjonijiet inklużi fl-ewwel serje tal-muniti euro; billi d-diretturi taz-zekka ħejjew, fuq il-bażi ta' dak ir-Regolament, l-ispeċifikazzjonijiet l-iktar dettaljati meħtieġa għall-produzzjoni;

Billi l-industrija tal-bejgħ permezz ta' magni, wara li eżaminat dawn l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati, talbet għal-żieda fil-piż tal-munita tal-50 ċenteżmu sabiex tiżgura differenzazzjoni iktar ċara ta' din il-munita u tnaqqas ir-riskji ta' frodi; billi l-Unjoni Ewropea ta' l-Għomja, wara li ttestjat kampjuni mit-tiraturi ta' l-ewwel produzzjoni, ilmentat dwar l-issingjar fix-xfar tal-muniti tal-50 ċenteżmu u tal-10 ċenteżmi li ma jaqblux ma' l-issingjar tal-kampjun miftiehma minnha matul il-proċess ta' konsultazzjoni qabel l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 975/88; billi, sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tas-sistema l-ġdida mill-utenti, jidher mixtieq li jintlaqgħu t-talbiet magħmula kemm mill-industrija tal-bejgħ permezz ta' magni u mill-Unjoni Ewropea ta' l-Għomja; billi sabiex jiġu sodisfatti r-rek-

wiżiti ta' l-industrija tal-bejgħ permezz ta' magni, huwa meħtieġ li jiżdied il-piż tal-munita tal-50 ċenteżmu minn 7g għal 7,8 g; billi sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Għomja u fil-futur jiġi evitat kull riskju ta' misinterpretazzjoni, huwa mixtieq li tiġi modifikata l-ispeċifikazzjoni għax-xfar tal-muniti tal- 50 u tal-10 ċenteżmi minn "issingjar mhux raffinat" għal "xifer iddisinjat bil-forma ta" arzelli fin" li jirrifletti aħjar il-għamla tax-xifer oriġinarjament miftiehem mill-Unjoni Ewropea ta' l-Għomja għal daww iż-żewġ muniti;

Billi huwa essenzjali li l-modifikazzjonijiet ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ristretti għall-piż tal-munita tal-50 ċenteżmu u għax-xfar tal-muniti ta' l-10 ċenteżmi u tal-50 ċenteżmu sabiex ma jikkompromettux il-kalendarju għall-produzzjoni u l-introduzzjoni tal-muniti euro fl-1 Jannar 2002,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 975/98, it-tabella għandha tkun emendata kif ġej:

- (1) Ir-raba' filliera li għandha x'taqsam mal-munita tal-50 ċenteżmu għandha tiġi emendata kif ġej:
  - (a) fit-tielet kolonna, iċ-ċifra "1,69" għandha tiġi sostitwita bi "1,88";
  - (b) fir-raba' kolonna, iċ-ċifra "7" għandha tiġi sostitwita bi "7,8";
  - (ċ) fit-tmien kolonna, il-kliem "bi pressa ħoxna" għandhom jiġu sostitwiti bi "xfar iddisinjati bil-forma ta' arzelli fin".
- (2) Fis-sitt filliera li għandha x'taqsam mal-munita ta' l-10 ċenteżmi, il-kliem fit-tmien kolonna "issingjar mhux raffinat" għandhom jiġu sostitwiti bi "xfar iddisinjati b'arzell fin".

<sup>(1)</sup> ĠU C 296, ta' l-24.9.1998, p. 10.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Novembru 1998 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 Novembru 1998 (ĠU C 379, tas-7.12.1998), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-21 Diċembru 1998 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew tad- 9 Frar 1999 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 6.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, skond it-Trattat, bla ħsara għall-Artikolu 109k(1) u l-Protokoll 11 u 12.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 Frar 1999.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H.-F. von PLOETZ

---